

- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, dawk sostnuti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.
- 3) Ir-Repubblika Franċiża u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU C 134, 22.5.2010.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2017 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-542/15) <sup>(1)</sup>

*(“FEŻR — Programm operattiv tat-trasport u programmi operattivi reġjonali għar-reġjuni Ungeriżi ta’ Közép-Magyarország, Nyugat-Dunántúl, Dél-Alföld, Közép-Dunántúl, Észak-Magyarország, Észak-Alföld u Dél-Dunántúl — Deċiżjoni ta’ sospensjoni tal-pagamenti intermedjarji — Abrogazzjoni tal-att ikkontestat — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)*

(2017/C 392/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: L-Ungerija (rappreżentanti: J. Bonhage u F. Quast, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B.-R. Killmann u A. Tokár, aġenti)

#### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 4979, tal-14 ta' Lulju 2015, dwar is-sospensjoni ta' parti mill-pagamenti intermedjarji tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u tal-Fond ta' Koeżjoni għan-nefqa tal-programmi operattivi “Trasport” intiżi għar-reġjuni Ungeriżi ta' Közép-Magyarország, Nyugat-Dunántúl, Dél-Alföld, Közép-Dunántúl, Észak-Magyarország, Észak-Alföld u Dél-Dunántúl.

#### Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 406, 7.12.2015.

### Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Settembru 2017 – Gyarmathy vs EMCDDA

(Kawża T-297/16 P) <sup>(1)</sup>

*(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Persunal tal-EMCDDA — Nuqqas ta’ tiġdid tal-kuntratt ta’ reklutaġġ — Xoljiment tal-kuntratt — Fastidju psikoloġiku — Talba għal assistenza — Investigazzjoni amministrattiva — Imparzialità tal-investigazzjoni”)*

(2017/C 392/37)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Appellanti: Valéria Anna Gyarmathy (Győr, l-Ungerija) (rappreżentant: A. Véghely, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) (rappreżentanti: D. Storti u F. Pereyra, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)